*F it- 8 ta' Mejju f'Malta flimkien ma pajjiżi oħra Ewropej iffesteġġjajna ir-rebħa li l-Allejati għamlu fuq il-Ġermanja nażista u l-Italja faxxista, u jien bħal kull anzjan Ħalluqi niftakar bl-imwiet kawżati mill-attakki ta' l-għadu mill-ajru, bil-ħerba tal-bini fosthom fuq il-knisja parrokkjali u anke fuq iż-żewġ każini tal-banda.*

*Pero' illum m'hinix se nikteb fuq l-attakki mill-ajru li għal xi żmien speċjalment fis-sena 1941 ma kienu jaqtgħu xejn mill-ajruplani Ġermaniżi, għax min hu daqsi jew ftit iżgħar fl-eta' żgur li jiftakar u irrakkonta lill-uliedu u lill-ulied uliedu dawn il-ġrajjiet ta' tensjoni. F'dan l-artiklu ser nikteb fuq żewġ każi li jien rajthom b'għajnejja u li forsi ftit jafu bihom.*

*L-ewwel każ kien fl-1941 meta l-Ġermaniżi bdew l-attakki fuq Malta - kienu daħlu numru kbir ta' bombers Ġermaniżi u bħas-soltu dawn kienu jiġu nterċettati mill-kanuni fosthom dak ta' San Gakbu flimkien mal-fighters tat-tip "Hurricane". Billi dan l-attakk kien immirat fuq Ta' Qali jien tlajt fuq il-bejt insegwi x'kien qed isir. X'ħin kont hemm rajt ajruplan Ġermaniż tat-tip "Junker 88" li kienu bombers kbar, ġej waħdu min-naħa taż-Żurrieq u jlebbet 'il barra biex jiskansa mill-kanuni ta' San Gakbu u fortizzi oħrajn imxerrda ma' Malta. Fl-istess ħin nara żewġ "Hurricanes" jiġru wara dan il-bomber tedesk u fuq il-kalkoli tiegħi, naħseb li l-ajruplani ngliżi avviċinawh x'imkien fuq iż-Żejtun. Bdejt nisma' sparar mit-tlett ajruplani fuq xulxin u bqajt skantat meta l-ajruplan Ġermaniż waqqa' liż-żewġ fighters u li wieħed minnhom waqa' ġewwa ċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa. Niftakar li kont avżajt lis-surġent Toni Camilleri b'dan l-inċident u kont minn ta' quddiem li wasalt fuq il-post. Il-fdal tal-bdot li kien baqa' nġabar f'żewġ kaxxi tal-ħalib.*

*It-tieni każ kien forsi aktar stramb - kien każ li jiena rajt b'għajnejja "mercy killing". Il-każ ġara fis-sena 1944 meta Sqallija ġiet okkupata mill-Allejati u allura l-attakki mill-ajru fuq Malta kienu spiċċaw. F'dak iż-żmien ir-'runway' ta' l-ajrudrom kienet ħafna u ħafna iżgħar milli hija llum u biex minn Ħal Luqa tmur iż-Żurrieq meta xi ajruplan jiġi biex jitla' jew jinżel kienet tingħalaq it-triq.*

*Meta ġara dan il-każ jien kont sejjer iż-Żurrieq u sibt it-triq magħluqa. Kien niżel ajruplan minn naħa fejn illum hemm l-ajruport il-*

*ġdid. Fi ftit mumenti nisma' u nara xi tlieta jew erba' 'fire engines' jiġru lejn dik in-naħa. Kien ikkraxxja ajruplan kbir Ingliż. Jien u xi nies oħra morna naraw x'kien ġara u sibna li l-ajruplan kien illandja ħażin qabel ma qabad ir-'runway'. L-ajruplan beda jaqbad u filwaqt li l- 'crew' ħarġu mill-ajruplan kien fadal wieħed li kien maqbud ġewwa.*

*Ġara li dan l-ajruplan kien qed iġorr magna ta' ajruplan 'spare' u bl-istess skoss tal-'bad landing', din il-magna nqalbet u ġiet fuq il-ġisem ta' dan ir-raġel. Fi ftit mumenti rajt 'jeep' tal-R.A.F. tasal biswit l-ajruplan u niżlu xi fizzjali minnha. Wieħed minnhom kellu fies u beda jkisser waħda mit-twieqi ta' l-ajruplan. Jien li kont preżenti rajt lil dan il-ferut qiegħed isofri ħafna bl-uġiegħ tal-piż tal-magna fuqu. F'daqqa waħda fizzjal ta' rank għoli ħareġ il-pistola u spara għall-ferut u qatlu.*

*Illum irrakkontajt dawn iż-żewġ każi sabiex naqsam l-esperjenza tiegħi ta' xi tfisser għalija l-VE Day. Esperjenzi li mhux biss smajt bihom iżda wkoll rajthom b'għajnejja.*

*Alex Serge'*

AVAILABLE NOW

VESTATEC

CUSTOM FIT GERMAN MAKE FOG LAMPS



IMPROVE YOUR
LIGHTNING SYSTEM AND DRIVE SAFE

MODELS AVAILABLE FOR:

| | | |
|---|---|---|
| TOYOTA CARINA | TOYOTA STARLET | TOYOTA CAMRY |
| MITSUBISHI LANCER | MITSUBISHI COLT | MITSUBISHI GALANT |
| MAZDA 323 F | SUZUKI SWIFT | NISSAN PRIMERA |
| NISSAN SUNNY | DAIHATSU CUORE | DAIHATSU APPLAUSE |
| PEUGEOT 106 | HONDA CIVIC | FORD ESCORT/ ORION |

SOLE AGENTS: eretric ltd.
IMPORTERS & EXPORTORS OF AUTO-MARINE ELECTRICAL PARTS & ACCESSORIES

ŻURRIEQ ROAD,
LUQA LQA 04
Tel: (356) 804296
Fax: (356) 804296
(NEAR DINITROL STATION)